**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Settembru, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Meriam Abdussalam Mouaddea**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Meriam Abdussalam Mouaddea detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 9000606(A);

Akkuzata talli fit-28 ta' Lulju 2014 ghall-habta ta' bejn it-20:00hrs u 23:24hrs bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq minn gewwa residenza bin-numru 235 li tinsab Triq Manwel Dimech, Sliema uriet dan il-hsieb b' atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u li kieku sar kien ikun

ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok ghad-detriment ta' diversi persuni.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma' Meriam Abdussalam Mouaddea bhala recidiva ai terminu tal-Art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D nhar it-13 ta' Lulju 2010 liema sentenza saretdefinittivau ma tistax tigi mibdula;

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-15 ta' Frar 2017(esebita a fol. 138 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 20, 31, 41 (1) (a), 261 (b), (c), (e), (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1), (2), (3), 279 (b), 280 (1), (2), 281 (a), (b), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 412 (C), 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2017 l-imputatawiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali prezentata mid-Difiza fuori termine.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz jirrigwardaw attentat ta' serq minn dar bin-numru 235, Triq Manuel Dimech ta' Sliema, f' liema residenza toqghod certu Jemma Smaini Galea. Fit-28 ta' Lulju, 2014 meta din tal-ahhar irritornat id-dar wara li marret tieg, sabet li xi hadd prova jisgassa l-bieb ta' barra tad-dar taghha, izda ma rnexxilux. Mix-xhieda tas-Scene Of Crime Officer, PC1525 Patrick Farrugia[1], jirrizulta li l-bieb tal-imsemmija residenza kellu hsara fl-injam hdejn is-serratura fejn kien hemm bicciet tal-injam imqaccat u nstabet anki bicca injama fuq l-ghatba tad-dar. Instabu ukoll xi marki ta' livar maghmula minn ghodda, probabilment turnavit tac-catt. Minn fuq il-bieb ta' barra gew elevati zewg impronti digitali minn PC1525 (vide rapport a fol 78 et sequitur tal-atti processwali).

Illi minn indagni li ghamlet il-Pulizija fid-database taghha irrizulta illi dawn l-impronti palmari elevati minn fuq il-post kienu jaqblu ma' dawk ta' certu Meriam Abdussalem Mouaddea, l-imputata odjerna, u meta il-Pulizija kellmu lil vittma tal-attentat ta' serq din gharfet lill-imputata bhala persuna li kienet taf u li gieli marret id-dar taghha. Hija qalet li l-imputata l-ahhar li marret id-dar taghha kien madwar gimghatejn qabel l-incident de-quo u spjegat ukoll li din kienet mistiedna ghall-istess tieg li attendiet hi, izda ma marritx.

Ikkunsidrat:

[1] Vide Xhidaaffol. 75 et sequitur

Illi l-imputata rrilaxxat stqarrija fi 3 ta' Marzu, 2015 fejn qalet li kienet taf lil Jemma Smaini Galea u li gieli marret id-dar taghha. Hija qalet ukoll li fit-28 ta' Lulju 2014 kienet mistiedna ghat-tieg li attendiet Galea izda ma marritx ghaliex ir-ragel taghha ma hallihiex tmur. Hija stqarret li fil-hin tat-tieg kienet id-dar wahidha, hija qalet li kienet marret ghand Galea gimgha qabel l-allegat attentat ta serq fejn nadfitilha ghaliex kienet ghada kemm taghmel operazzjoni izda meta kienet regghat giet mistoqsija fejn kienet nadfet qalet ma kinitx ghamlet tindif, izda hadet hsieb biss il-kcina. Hija qalet ukoll li kienet regghat marret ghand Galea, tlett ijiem wara l-allegat attentat ta' serq. L-imputata qalet li dakinhar tat-tieg ma kinitx resqet lejn id-dar ta' Galea u cahdet xi involviment fl-attentat ta' serq bi sgass.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputata ghazlet li tixhed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza ta-16 ta' Gunju, 2017, fejn regghat cahdet l-involviment taghha fl-attentat ta' serq u fejn qalet li kienet marret ghand Galea, jumejn qabel l-allegat attentat ta' serq.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri din il-Qorti innominat bhala espert lil Joseph Mallia sabiex jeleva l-impronti digitali tal-imputata u jaghmel ezami komparattiv mal-lifters li eleva minn fuq ix-xena tad-delitt, is-Scene of the Crime Officer, PC1525 Patrick Farrugia. Joseph Mallia espleta l-inkarigu lilu moghti u fl-udjenza ta' 7 ta' Dicembru, 2016 huwa xehed u prezenta ir-relazzjoni tieghu, fejn ikkonkluda li mill-ezami komparattiv li ghamel bejn il-lifters

elevati, minn PC 1525 u l-impronti digitali tal-imputata huwa seta' jghid li dawn kienu identici.

Ikkunsidrat :

Illi permezz tar-rapport ta' Joseph Mallia l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li kien hemm l-impronti digitali tal-imputata fuq il-bieb tad-dar minn fejn sar l-allegat serq bi sgass fit-28 ta' Lulju, 2014.

Illi din il-Qorti setghat tikkonstata li dawn l-impronti digitali instabu hdejn is-serratura fejn sar l-isgass.

Illi meta giet interrogata mill-Pulizija, l-imputata qalet li kienet marret ghand Galea gimgha qabel l- allegat attentat ta' serq, filwaqt li meta xehdet f' dawn il-proceduri hija bidlet il-verzjoni u qalet li kienet marret jumejn qabel u kienet ghamlet xi tindif izda biss fil-kcina. Il-vittma min-naha l-ohra tikkontradici dawn il-fatti u tghid li l-imputata kienet marret ghandha gimghatejn qabel u li hi kienet marret taghmililha xi xoghol ta tindif wara l-operazzjoni li kienet ghamlet is-sena ta' qabel, u cioe fl-2013.

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad ta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-impronti digitali tal-imputata nstabu fuq il-bieb ta' dar ta' Galea, hdejn is-serratura ghaliex hija kienet il-persuna li ghamlet l-isgass u l-attentat ta' serq. Kif ben tajjeb irrelevat il-

Prosekuzzjoni waqt it-trattazjoni finali l-post fejn instabu dawn l-impronti jintmiss bi frekwenza u ghalhekk ma jistax ikun li l-impronti digitali tal-imputata baqghu hemm minn gimghatejn qabel, u cioe mill-ahhar darba li l-imputata marret ghand Galea. Inoltre meta wiehed jikkunsidra li l-bieb jigi mnaddaf regolarment u li huwa espost ghall-elementi wiehed aktar u aktar jasal sabiex jikkonkludi li ma hemmx dubju li l-impronti digitali li nstabu fit-28 ta' Lulju 2014 fuq il-bieb tar-residenza f' Manwel Dimech Street, Tas-Sliema thallew hemm propju dik il-gurnata stess meta l-imputata, sgassat il-bieb tad-dar ta' Galea sabiex tisraq l-istess dar, izda ma rnexxiliex tidhol minhabba xi haga ndipendenti mill-volonta' taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-addebitu tar-recidiva jirrizulta wkoll pruvat permezz tas-sentenza li tinsab inserita a fol. 126 tal-atti processwali.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputata hija recidiva u ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-15 ta' Frar 2017 u senjatament l-Artikoli 20, 31, 41(1)(a), 261(b), (c), (e), (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1), (2), (3), 279(b), 280(1), (2), 281 (a), (b), 284, 285, 49, 50, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha bl-addebitu tar-recidiva u tikkundannaha tlettax (13) –il xahar prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien xahar minn meta tigi hekk mitluba bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti thallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija u tmenin ewro u tlieta u disghin centezmu (€580.93[2]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[2] Rapport ta' Joseph Malliapg 100-122 €580.93c